# Ġużeppi Grima (ta' Marikarm)
# Min Kien Tabilħaqq?



In-Naxxar tana bosta nies ta' ħila li għamlu ġieħ lir-raħal u lil art twelidna. Mhux għax jien Naxxari, imma l-abjad ma tistax tgħidlu iswed. Nies li għax ilhom li twieldu u ħallew xogħolhom, jafu jintesew daqs tazza ilma. Iktar u iktar jekk ħallewna. Sakemm nibqa' b'saħħti u Alla jħallini ħaj, jiena nibqa' noħroġ dawn in-nies min-nisi tagħhom, u nuri l-ħila tagħhom, ma' kulħadd. Wieħed minn dawn l-ulied huwa n-Naxxari Ġużeppi Grima, imlaqqam ta' Marikarm, li għalkemm m'għadux magħna, ħidmietu għadha fostna biex tikkonfermalna x'tip ta' bniedem kien Ġużeppi tagħna, u sa fejn kienu jwasslu ħiltu, għerfu u xogħlijietu. Meta taqraw din il-kitba, issiru tafuh intom ukoll. U tibdew taqblu miegħi kemm nies bħal dawn m'għandniex inħallu t-tul taż-żmien inessihomlna. Dawn kienu rġiel ħaddiema mingħajr pretensjonijiet u tlellix, li għamlulna ġieħ.

Ġużeppi Grima twieled in-Naxxar fil-15 t'Ottubru, 1887. Iben familja fqira li għex u trabba fir-raħal tan-Naxxar. Lejn raħal twelidu kellu mħabba liema bħalha. Kien magħruf u maħbub qatigħ fir-raħal u kien tifel bil-għaqal tassew. Fuq kollox kien bniedem dħuli. Dejjem daħkan u jaf ikompli ma' kulħadd. Jissallab biex jaqdik. U jgħinek mill-aħjar li jista'. Kuljum fis-7.00 a.m. kien ikun il-quddies, isegwi l-quddiesa mill-brevjar u jitkellem ta' spiss dwar knejjes, festi, qaddisin u ħwejjeġ oħra bħal dawn. Kellu ħabta kif jirrakkonta u kulħadd kien jedha jisimgħu. Funzjoni waħda ma kienx jitlifha, minkejja li kienu jsiru bil-Latin. Ġużeppi kien ikun jaf kull ma kien ikun qed isir għax kien jifhem bla telf ta' żmien. Il-funzjonijiet kienu l-għaxqa ta' qalbu u erħilu jsegwi mill-brevjar, li kien iġorru miegħu l-quddies. Kull nhar ta' Ħadd filgħaxija, imbagħad, Ġużeppi kien jattendi l-Katekiżmu.

Kien imurlek mixja sa ħdejn iċ-ċimiterju, imbagħad lura lejn id-dar. Dik kienet il-ħarġa kollha ta' Ġużeppi. Kien bniedem twajjeb tassew u kien jgħin lil kulħadd bla telf ta' żmien. Lill-Knisja kien iħobbha tassew u għall-ġid tagħha u għal ġieħha kien lest jagħmel minn kollox. Kien wieħed mill-akbar benefatturi tal-Knisja, għen kemm-il kappella għandna n-Naxxar. Għal bosta snin, Ġużeppi ta' Marikarm kien il-Prokuratur tal-Kappella ta' San Ġakbu. Ħa ħsiebha bl-aħjar mod u dejjem żammha tajba u sabiħa. F'jum il-festa ta' San Ġakbu, Ġużeppi kien jagħmillu festa billi jarma l-artal bil-fjuretti li kien jaħdem huwa nnifsu, jarma d-damask kif ukoll itella' quddiesa kantata. Għal dawn il-ħwejjeġ, tilgħablux, għax kien bniedem ippassjonat u ddedikat mija fil-mija. Kull ma jagħmel, kien jagħmlu bil-qalb. Malli kien jilmaħ xi ħaġa miksura fil-knisja, kien imur jaqbad il-basket ta' l-għodda, imur il-knisja, u jekk dik il-ħaġa ma kinitx tkun tista' tissewwa hemm, kien jeħodha miegħu d-dar, isewwiha f'daru, u jqegħedha f'postha mill-ġdid fil-knisja, bla ma jgħid lil ħadd, u spejjeż minn butu.

Mela darba diżgrazzjatament waqa' l-armar tas-saqaf u kisser il-pulptu. Ħadd ma ried imidd għonqu għax-xogħol biex dan il-pulptu jissewwa mill-ġdid, għax kien irid biċċa xogħol delikata ssemmix. Ġużeppi Grima ma qatax qalbu. Daħal għat-tiswija tal-pulptu b'ruħu u ġismu u sewwieh hekk tajjeb li minn fejn inkiser ħadd ma jista' jinduna, daqslikieku ma nkiser qatt. Ġużeppi kien restawratur prim. Mhux ta' b'xejn kien imqabbad u magħruf. Il-ħila kulħadd jaf japprezzaha. Kulħadd jaf jagħraf minn bniedem ta' ħila minn għażżien. Ġużeppi kien raġel bieżel u ħaddiem ta' ħila kbira. U kien ukoll disinjatur imsemmi. Huwa għamel ħafna disinji għal xogħol fil-ħadid, injam, rakkmu u ħwejjeġ oħra.

Biċċa minn ħidmietu kienet tkun fuq stil barokk. Biex insaħħaħ dan li qed ngħid, nixtieq nelenka xi xogħolijiet ta' disinn li Ġużeppi Grima (ta' Marikarm) għamel u xerred biex magħhom xerred ismu u l-fama tiegħu ta' disinjatur ta' veru. Huwa ħadem għad-ditta Anthony Vella & Sons min-Naxxar, li ġew maħduma mill-ferro battuto, bħal m'huma ħadid tat-turġien, linef, brazzi, kanċelli u ħwejjeġ oħra. Ħafna minn dan ix-xogħol jinsab barra pajjiżna. Għamel ħafna disinji oħra għax-xogħol tar-rakkmu, li llum jinsabu għand bosta nies min-Naxxar, li kienu huma wkoll iħobbu jirrakkmaw, bħal per eżempju l-Verbum Dei, fjuri u ħwejjeġ oħra. Disinji oħra narawhom f'abiti sagri, sopra tvalji ta' fuq l-artali, standardi, bandalori u ħafna aktar. Imbagħad ta' min wieħed isemmi illi fuq dawn id-disinji sar ħafna xogħol ieħor ta' rakkmu bid-deheb, li llum qegħdin f'parroċċi varji ta' Malta u Għawdex. Sintendi ma tonqosx il-parroċċa tagħna tan-Naxxar.

Fis-sena 1910, Ġużeppi Grima qiegħed fit-tambur tal-koppla l-iskrizzjoni Latina: "Naxarienses matrem suam Mariam nascentem ex corde salutant". Din l-iskrizzjoni kienet iddisinjata minn Ġużeppi nnifsu, kif ukoll maħduma minnu. Dan għamlu mingħajr ħlas. Tarawx kienx benefattur mill-aqwa dar-restawratur u disinjatur kapaċi? Fl-1933 huwa għamel il-qoxra tal-missal "Libro Orationibus", u sitt snin wara sar it-tabernaklu fiddien imżejjen b'topazji, djamanti, u ħwejjeġ oħra. Dawn iż-żewġ opri mill-aqwa ġew maħduma mill-arġentier Ġużeppi Pirotta min-Naxxar imma fuq disinn u tmexxija tal-bravu u mibki Ġużeppi Grima. Difatti, l-arġentier Pirotta naqqax kemm ismu kif ukoll isem Ġużeppi bħala J. Grima fuq il-bieba tat-tabernaklu. Dan kollu juri kemm dan id-dwett ta' ħidma artistika Pirotta-Grima kien tabilħaqq dwett artistiku dinamiku.

Għedna kemm għedna fuq Ġużeppi Grima (ta' Marikarm), kważi għadna m'għedna xejn. Għax barra restawratur u disinjatur, Ġużeppi kien ukoll pittur. U la m'għamilx għajb lill-arti ta' l-irrestawrar u d-disinn, ma kienx ser jagħmel diżunur u għajb lill-arti hekk sabiħa tal-pittura, li Ġużeppi nnamra magħha wkoll u kien ipinġi tajjeb ħafna. Il-pittur tagħna kien iħobb jaħdem bl-akkwarella. Huwa pinġa veduti, frott, fjuri fuq ix-xemgħa u bosta xogħol ieħor. Fl-iskultura kien wieħed mill-imsemmija. Ħadem ħafna xogħolijiet għal diversi parroċċi, speċjalment għall-parroċċa tagħna. Huwa ħadem pedestalli, gwarniċi tal-ventartali, slaleb żgħar, slaleb kbar, kapsoli tas-sepulkru, bibien ta' tabernakli, loppi u ħwejjeġ oħra. Dax-xogħol kollu kien kollu kemm hu ddisinjat u maħdum b'sengħa ta' l-għaġeb minn Ġużeppi nnifsu. Kien raġel li jaħseb għal min ikun sejjer jaħdem warajh.

Jekk kien jaħdem xi skultura kien jagħmilha tinqala' sabiex l-induratur ikun jista' jindura mingħajr saram ta' xejn, sabiex imbagħad titqiegħed lura f'postha ġaladarba tkun lesta. Kulħadd kien jibqa' msaħħar mix-xogħol li l-idejn ta' ħila ta' Ġużeppi Grima kienu jinsġu għall-knisja u għal xi ħbieb minn waqt għall-ieħor. Għax Ġużeppi kien metikoluż ħafna. Ma rridx ninsa nsemmi x-xogħol artistiku l-ieħor tal-fjuretti li għalih ukoll Ġużeppi kien prim tassew. Kien iżejjen il-bambin b'dan ix-xogħol tassew sabiħ li Malta u Għawdex kollu jafu bih. Ħadem fjuretti tal-ganutell u wisq iżjed tad-drapp. L-aktar li kien jagħmel kienu l-fjuretti tad-drapp, għaliex fihom kien ikun jista' juri aktar l-arti tiegħu. Fjura minn moħħu qatt ma niseġ, imma ta' bniedem ta' l-arti li kien, kien isib fjura naturali, jieħu qisienha, jagħmel il-lewn tagħha, jimmontaha u jżommha biex imbagħad jagħmel l-oħrajn bħalha.

Kull fjura differenti li kien jaħdem kien jaħdimha bl-istess sistema, bl-istess mod, bl-istess reqqa, galbu, preċiżjoni, imħabba artistika u ħila, biex tressaq dak li tkun qed issawwar lejn dak li hu tassew. Qabel Ġużeppi kien jibda dan ix-xogħol, kien ikollu d-drapp maħsul, illamtat u mgħoddi. Dan kien isir minn oħtu Marija, li kienet taf ħafna mis-sengħa tiegħu. Għad illi dan ix-xogħol jidher ħafif, m'huwa xejn minn dan. Għax xogħol bir-reqqa bħal dan jitlob sabar, sengħa u attenzjoni kbira. Jekk ma jkollokx id-doti tajbin li kellu Ġużeppi Grima, dan ix-xogħol metikoluż ma jgħoddx għalik. Biex kien ilesti sett fjuretti kien idum xahrejn. X'ħin jibda xogħlu u x'ħin itemmu ma kienx jeżisti għal Ġużeppi, għax għal dan ix-xogħol ħin ma kellux, u kien jibda u jieqaf meta jlesti. Għal xogħol bħal dan ma kienx jitħallas daqskemm ħaqqu; madankollu, nies bħal Ġużeppi jitħallsu bl-amor proprju.

Minn taħt idejn Ġużeppi ħarġu bosta settijiet ta' fjuretti għal parroċċi diversi, Maltin u Għawdxin. Il-Knisja Parrokkjali tagħna n-Naxxarin hija mgħammra bil-fjuretti ta' dan l-imgħallem. Kull artal għandu l-fjuretti tiegħu, kemm għall-festa titolari, dik ta' Marija Bambina (il-Vitorja), kif ukoll għall-festa sekondarja li niċċelebraw fil-parroċċa tagħna, matul is-sena. Qalb dan ix-xogħol kollu ta' fjuretti hekk sbieħ, niltaqgħu ma' fjuri tad-drapp, maħdumin girlanda madwar l-istatwi jew mad-dawra tan-niċeċ u magħhom erba' fjuretti ta' għamla mod ieħor għal ma' kull vara. Bħal dawn ix-xogħlijiet, Ġużeppi ħadem għal parroċċi oħrajn. Sabiex napprezzaw aktar dan ix-xogħol irqiq ta' Ġużeppi, tajjeb illi nsemmu xi wħud minnhom, mhux biex niffittaw lill-qarrej dwar dawn l-irqaqat, imma biex inwasslu apprezzament. Apprezzament lejn il-ħila t'id Ġużeppi Grima (ta' Marikarm).

Fl-1912 Ġużeppi kien ħadem żewġ settijiet ta' fjuretti, kompluti bil-gastri tagħhom għall-artal ta' San Ġużepp u għall-artal tad-Duluri. Fl-1929 ħadem sett ieħor għall-artal tal-Madonna tal-Grazzja. Imbagħad hemm ukoll erba' fjuretti u girlanda tal-ganutell li hemm ma' l-istatwa tal-Bambina li għad illi nħadmu mis-sorijiet ta' Sant'Ursola tal-Belt kienu mmuntati minn Ġużeppi fl-1929 ukoll. Fl-istess sena wkoll saru erbatax-il girlanda mal-kwadri tal-Via' Crucis, xogħol Ġużeppi wkoll, naturalment. Fl-1932 Ġużeppi ħadem żewġ fjuretti kbar għal fuq il-bibien tas-sagristija bħala rigal lill-Bambina u ħadimhom fil-ħin liberu tiegħu. Fl-1954 huwa ħadem erba' fjuretti tal-ganutell u żewġ ġilji tad-drapp għal fuq il-gradenzini, u dan kien ukoll rigal lill-patruna tar-raħal Naxxari, Marija Bambina. Minn dan ix-xogħol hemm aktar, imma mhux kull xogħol ta' Ġużeppi huwa reġistrat bid-dati u għal min sar.



Xogħlijiet dan ir-raġel juruh bħala bniedem tax-xogħol. Imma mhux biss. Juruh bħala bniedem ta' reqqa liema bħalha. Raġel li jemmen. Raġel li għad illi miet, baqa' ħaj f'ħidmietu. Huwa ħabb il-Knisja Kattolika, ħabb il-bini ta' din il-Knisja bħala d-Dar ta' Alla u ried li din id-Dar tkun imżejna kif meħtieġ. Il-ħila tiegħu offrieha lill-istess Alla li tahielu. Kien ukoll raġel li ħabb ħafna lil Art Twelidu u fiha ħalla ħafna mill-ħidma ta' l-għaġeb tiegħu, mingħajr ħlas, għax dan il-ħaddiem ġwejjed qatt ma nħakem mill-kilba għall-flus u l-qligħ. Huwa ħabb lil artu, lil raħlu, lill-Knisja u lil kulħadd b'ġenerożità li ma titlob xejn. Tant kien iħobb lin-Naxxar li kien jinteressa ruħu bil-kbir fi ġrajjietu u kienu jinteressawh ħafna t-tradizzjonijiet Maltin u Għawdxin, imma b'mod speċjali Naxxarin. Kellu moħħ ta' l-għaġeb, id li ssaħħar, imħabba qawwija u qalb tad-deheb.

Matul ħajtu Ġużeppi wera kemm kien iħobb lil raħal twelidu, in-Naxxar. Huwa kiteb djarju li fih ġabar il-festi kollha ta' Marija Bambina, sena b'sena, mill-1909 sal-1959, eżattament ħamsin sena. Kitbu bit-tokka, li kien juża biex jikteb dak iż-żmien. Kellu kaligrafija mill-isbaħ, hekk li bilkemm tintebaħ li dik kitba bl-idejn. Semmieh: FESTI TITOLARI - NAXXAR. Dan id-djarju jinkludi tagħrif dwar il-festa ta' Marija Bambina mill-ewwel jum tan-novena sa tmiem il-festa nnifisha. Hemm imniżżel fih, min, ta' kull sena (mill-1909 sal-1959) għamel il-priedka, min mexxa t-Translazzjoni, min ħa sehem fil-quddiesa kantata, min kien il-paniġerista, x'baned ħadu sehem, x'opri saru u min ħadimhom, kemm kienet tkun il-ġabra, u bosta tagħrif ieħor bħal dan. Nistgħu nsejħulha letteratura reliġjuża jew soċjo-reliġjuża semi-storika u ta' dan biss ukoll jixraqlu apprezzament.

Ħidmietu kienet xhieda ħajja ta' bniedem li ħadem tajjeb u ħadem b'xejn, mhux kull xogħol, għax imbagħad hu ried jgħix kif irid jgħix kulħadd, imma meta tħallas, tħallas kemm jgħix hu u oħtu li kienet tgħammar miegħu, u xejn iktar. Naxxarin bħal Ġużeppi jixirqilhom il-gratitudni tagħna lkoll li għadna ngħixu llum u li sibna s-sodda mifruxa u lesta. Ix-xogħol kbir li għamel Ġużeppi, l-aktar fil-qasam tal-fjuretti, għandna nibżgħu għalih, għax illum fjuretti kif kien jagħmilhom hu ma jinħadmux. Jew jekk issib xi ħadd jaħdimhomlok, m'hu ser jagħmilhom b'ebda mħabba lejn knisja u stat u jqumulek kemxa. Ħasra li fil-knisja ta' raħalna m'hemmx imqar tifkira ċkejkna ta' dan il-bniedem li tant ħabbha u ħadem għaliha (għall-knisja), li tgħallem lit-tfal dwar min kien Ġużeppi. Nittama li 'l quddiem, Ġużeppi Grima, bħala benefattur kbir tal-knisja, ikollu tifkira fit-tempju Naxxari.

Inħoss li dan Ġużeppi Grima għandu jkun imfakkar jew fil-Knisja jew f'xi mkejjen oħra fin-Naxxar, sabiex ħidmietu tibqa' mfakkra għal dejjem. Filwaqt li Ġużeppi kien għani fit-talenti tiegħu, bħala raġel, Ġużeppi kien fqir u ħajtu għaddiha fil-faqar sakemm miet. Huwa miet fit-2 ta' Lulju, 1960. Miet biex jibqa' jgħix, mhux biss fis-Saltna tas-Smewwiet, fejn nittamaw li jinsab, imma saħansitra fuq din l-art, biex ħidmietu ma tixxejjen qatt mill-memorja tagħna u mill-memorja ta' dawk li għad iridu jiġu. B'nies bħal Ġużeppi Grima (ta' Marikarm), in-Naxxar ma jinża' qatt mill-kburija pożittiva tiegħu, li uliedu Naxxarin, tawh.

**VICTOR SCERRI**

*Din il-kitba u t-tagħrif dwar dan il-personaġġ Naxxari, li s'issa għadu qatt ma nkiteb xejn dwaru, stajt niġborha biex intom tkunu tafu lil Ġużeppi, bil-koperazzjoni tal-ħabib tiegħi Peter Galea, li Ġużeppi Grima kien jiġi l-parrinu tiegħu.*